32004D0743

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Lulju 2004

li taħtar membru Belġjan tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

(2004/743/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikulari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Settembru 2002 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għall-perjodu bejn il-21 ta' Settembru 2002 sa l-20 ta' Settembru 2006 ([1]),

Billi f'dak il-Kumitat post ta' membru jinsab vakanti wara r-riżenja tas-Sinjur Wilfried BEIRNAERT, li dwarha l-Kunsill kien infurmat fl-10 ta' Settembru 2003;

Wara li kkunsidra n-nomina mressqa mill-Gvern Belġjan,

Wara li ħa l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Is-Sinjur Tony VANDEPUTTE hu b'dan maħtur membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali minflok is-Sinjur Wilfried BEIRNAERT, għall-bqija tal-mandat ta' dan ta' l-aħħar, li jibqa' jgħodd sa l-20 ta' Settembru 2006.

Magħmula fi Brussel, il-5 ta' Lulju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

G. ZALM

([1]) ĠU L 253, 21.9.2002, p. 9.